# Il-kontribuzzjoni tas-sigurtà



Minn MARK MUSÙ,
Direttur għall-Iżvilupp Strateġiku u Relazzjonijiet Internazzjonali – Diviżjoni tas-Sigurtà Soċjali

ILLUM ħsibt li nitkellem dwar il-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali, jew kif inhi popolarment magħrufa, il-bolla. Il-ħlas tal-kontribuzzjoni hu importanti ħafna għax jagħti d-dritt għal numru ta' benefiċċji fosthom u forsi l-aktar importanti, il-pensjonijiet tal-irtirar, romol u invalidità.

Fil-fatt, min qed jaqra din il-paġna tiegħi kull ħmistax probabbli jiftakar, anke mill-mixja storika li għamilna fl-aħħar ġimgħat tul l-iżviluppi tas-sigurtà soċjali li seħħew f'pajjiżna, li s-sistema tas-sigurtà soċjali f'pajjiżna hi maqsuma fuq żewġ pilastri ewlenin. Fuq naħa għandek l-iskema kontributorja u fuq in-naħa l-oħra għandek l-iskema non-kontributorja. Dwar dawn iż-żewġ skemi nikteb f'aktar dettal fil-ġimgħat li ġejjin meta anke nibda nittratta l-benefiċċji li jeżistu wieħed wieħed.

Sadanittant iżda, tajjeb li ngħid li l-benefiċċji u l-pensjonijiet imħallsin taħt l-iskema kontributorja kif ipprovdut fl-Att dwar is-Siġurtà Soċjali (Kap 318) huma soġġetti għal xi tip ta' test tal-kontribuzzjonijiet imħallsin, jew f'xi każi akkreditati, liema test ivarja skont il-benefiċċju jew pensjoni mħallsin. Hemm żewġ tipi ta' kontribuzzjonijiet – kontribuzzjoni tal-Ewwel Klassi mħallsin minn/għal persuni impjegati ('employed') u kontribuzzjoni tat-Tieni Klassi mħallsin minn persuni li jimpjegaw lilhom infushom ('self-occupied') jew persuni li jaħdmu għalihom infushom ('self-employed').

Hawnhekk tajjeb li nispjega x'inhi d-differenza bejn persuna li timpjega lilha nnifisha u persuna li taħdem għaliha nnifisha. Il-persuna li timpjega lilha nnifisha hi dik li taħdem għal rasha u li popolarment dawn in-nies jissejħu 'self-employed'. Ironikament, l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, fil-verżjoni tiegħu bl-Ingliż, jiddefenixxi lil dawn bħala 'self-occupied'. Min-naħa l-oħra, l-Att bl-Ingliż jiddefenixxi bħala 'self-employed' lil dawk li, għalkemm l-Att bil-Malti jirreferi għalihom bħala li "jaħdmu għalihom infushom", fil-verità dawn huma nies li ma jaħdmux (la huma 'employed' u lanqas 'self-occupied') imma li jaqilgħu x'jieklu minn sorsi li ma jinkludux ix-xogħol – investimenti, imgħaxijiet, renti, kirjiet fost l-oħrajn.



## Min irid iħallas il-kontribuzzjoni?

B'mod ġenerali u fil-prinċipju, il-kontribuzzjonijiet iridu jitħallsu minn kull persuna bejn l-età ta' 16 u l-età tal-irtirar. Din tal-aħħar, kif spjegajt ġimgħatejn ilu, tvarja minn 60 sa 65 sena skont id-data tat-twelid tal-individwu u anke skont jekk hux mara jew raġel. Tiddependi wkoll fuq meta l-persuna tieqaf taħdem għax, anke jekk persuna tilħaq l-età tal-irtirar tagħha u tibda tirċievi l-pensjoni tal-irtirar, jekk tkun għadha qed taħdem ('employed' jew 'self-occupied') trid tibqa tħallas il-kontribuzzjoni sakemm tieqaf mix-xogħol jew sakemm tagħlaq 65 sena, liema tiġri l-ewwel. Persuni li jagħlqu l-65 sena m'humiex obbligati li jħallsu l-kontribuzzjoni, anke jekk ikunu għadhom qed jaħdmu.

## Kontribuzzjoni tal-Ewwel Klassi

Il-kontribuzzjoni tal-Ewwel Klassi titħallas minn u għal kull persuna li hi f'impjieg assigurabbli. Fi kliem sempliċi, din hi persuna li taħdem ma' xi ħadd u la hi persuna li timpjega lilha nnifisha u lanqas persuna li taħdem għaliha nnifisha. Studenti li jkunu qed jagħmlu kors ta' studju fultajm u li jkunu qed jirċievu remunerazzjoni wkoll jaqgħu f'din il-Klassi ta' ħaddiema. Għal kull persuna li hi f'impjieg assigurabbli jitħallsu tliet kontribuzzjonijiet ugwali – waħda mill-impjegat, waħda minn min iħaddmu u l-oħra mill-iStat.

Ir-rata ta' din il-kontribuzzjoni hi ffissata bħala 10% tal-paga jew salarju bażiku tal-impjegat, liema rata fl-2010 ma tistax tkun, fil-każ ta' xi ħadd li jaħdem fultajm u għandu 18-il sena jew aktar, anqas minn €15.23 fil-ġimgħa (10% tal-Paga Minima Nazzjonali) u mhux aktar minn €32.91 fil-ġimgħa. Hemm sitt kategoriji differenti ta' kontribuzzjonijiet tal-Ewwel Klassi:

Kat A – €6.62 fil-ġimgħa – titħallas minn persuni taħt it-18-il sena u li jaqilgħu inqas minn €152.29 fil-ġimgħa.

Kat B – €15.23 fil-ġimgħa – titħallas minn persuni li għandhom 18-il sena jew aktar u li jaqilgħu aktar minn €152.29 fil-ġimgħa.

Kat C – 10% tal-paga jew salarju bażiku fil-ġimgħa – titħallas minn kull persuna li l-paga jew salarju bażiku fil-ġimgħa hu bejn €152.30 u €329.14 fil-ġimgħa.

Kat D – €15.23 fil-ġimgħa – titħallas minn kull persuna li l-paga jew salarju bażiku fil-ġimgħa hu €329.15 fil-ġimgħa jew aktar.

Kat E - 10% tal-paga bażika sa massimu ta' €4.38 fil-ġimgħa – titħallas minn studenti li għandhom inqas minn 18-il sena u li qed jagħmlu kors ta' studju fultajm u li jkunu qed jirċievu remunerazzjoni

Kat F - 10% tal-paga bażika sa massimu ta' €7.94 fil-ġimgħa – titħallas minn studenti li għandhom 18-il sena jew aktar u li qed jagħmlu kors ta' studju fultajm u li jkunu qed jirċievu remunerazzjoni

## Kontribuzzjoni tat-Tieni Klassi

Kif għidt aktar 'il fuq, il-kontribuzzjoni tat-Tieni Klassi titħallas minn persuni li għandhom bejn 16 u 65 sena u li jimpjegaw lilhom infushom ('self-occupied') jew li jaħdmu għalihom infushom ('self-employed'). Fil-każ ta' dawn tal-aħħar biss, li kif spjegajt aktar qabel, jaqilgħu x'jieklu minn sorsi li ma jinkludux ix-xogħol (eżempju: investimenti, imgħaxijiet, renti u kirjiet), il-kontribuzzjoni hi dovuta sal-età tal-irtirar u jekk kemm-il darba din il-persuna m'hijiex miżżewġa. Hemm erba' kategoriji differenti ta' kontribuzzjonijiet tat-Tieni Klassi:

Kat SA – €26.37 fil-ġimgħa – titħallas minn persuni li d-dħul tagħhom hu ta' €9,143 jew inqas fis-sena.

Kat SB – 15% tad-dħul annwali – titħallas minn persuni li d-dħul tagħhom hu bejn €9,144 u €17,115 fis-sena.

Kat SC – €49.37 fil-ġimgħa – titħallas minn persuni li d-dħul tagħhom hu €17,116 fis-sena jew aktar.

Kat SP – €22.16 fil-ġimgħa – titħallas minn ġuvintur jew xebbiet li m'humiex 'self-occupied', fi kliem ieħor ma jimpjegawx lilhom infushom, u li d-dħul tagħhom fis-sena hu bejn €1,006 u €7,683

Hemm tliet kunsiderazzjonijiet importanti li wieħed irid isemmi. L-ewwel waħda hi li r-rata tal-kontribuzzjoni tat-Tieni Klassi tiġi kkalkolata fuq id-dħul annwali li l-persuna kellha fis-sena ta' qabel il-kontribuzzjoni tkun dovuta. Jiġifieri, biex nagħtu eżempju, il-kontribuzzjoni dovuta għal din is-sena (2010) hi bbażata fuq id-dħul tas-sena li għaddiet (2009).

It-tieni kunsiderazzjoni hi li fil-każ ta' persuni 'self-occupied' (li jimpjegaw lilhom infushom), id-dħul li fuqu titħallas il-kontribuzzjoni hu dak nett u mhux gross, jiġifieri d-dħul li jibqa' wara li minnu jitnaqqsu l-ispejjeż.

It-tielet kunsiderazzjoni hi li fil-każ ta' persuni li jaħdmu għalihom infushom ('self-employed'), għalkemm din il-kontribuzzjoni hi dovuta biss minn dawk li huma xebbiet jew ġuvintur, din tista' wkoll titħallas minn persuni miżżewġin jekk kemm-il darba dawn kienu f'impjieg assigurabbli fl-4 ta' Jannar, 2004 u li temmew dan l-impjieg wara din id-data biex jibbenefikaw minn skema ta' irtirar kmieni mix-xogħol approvata mill-Ministru tal-Finanzi jew ikkunsidrata bħala tali mid-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali.

F'każ bħal dan, il-kontribuzzjoni titħallas jekk il-persuna partikolari tkun trid hi u jekk mill-età ta' 18-il sena sa meta tirtira mill-impjieg, tkun ħallset medja ta' 20 kontribuzzjoni fis-sena jew aktar.

## Eżenzjoni mill-ħlas tal-kontribuzzjoni

Il-prinċipju bażiku hu li l-kontribuzzjoni għandha titħallas minn min jaħdem u allura kull min ma jaħdimx hu eżentat milli jħallas il-kontribuzzjoni. F'dan il-kuntest, l-eċċezzjoni huma biss dawk il-persuni li jaħdmu għalihom infushom u li kif spjegajt aktar qabel, jaqilgħu x'jieklu minn sorsi li ma jinkludux ix-xogħol. Hemm numru ta' kategoriji ta' persuni li awtomatikament huma eżentati milli jħallsu l-kontribuzzjoni. Dawn huma:

- Persuni li qed jistudjaw jew jitħarrġu f'kors fultajm u li ma jirċievux remunerazzjoni.
- Persuni li m'humiex f'impjieg assigurabbli u li ma jimpjegawx lilhom innifishom u li huma miżżewġin (barra dawk li jkunu bbenefikaw minn xi skema ta' irtirar kmieni kif spjegajt qabel).
- Persuni li jirċievu Pensjoni

*IMPORTANTI: L-informazzjoni f'din ir-rubrika mhix intenzjonata li titqies bħala parir legali dwar xi drittijiet għal kwalunke benefiċċju soċjali jew materja oħra ta' sigurtà soċjali. L-għan tagħha huwa purament u unikament biex tingħata informazzjoni ġenerali dwar is-sistema tas-sigurtà soċjali f'Malta. Għal aktar tagħrif tista' żżur il-websajt www.msp.gov.mt, tibgħat imejl fl-indirizz social.security@gov.mt, tista' tmur f'wieħed mill-uffiċċji distrettwali tad-dipartiment f'Malta u Għawdex jew iċċempel fuq in-numru 159.*

# soċjali

għal Invalidità.

• Persuni li jirċievu l-għajnuna soċjali jew xi pensjoni oħrajn non-kontributorja.

Xebbiet jew ġuvintur li ma jaqgħux fil-kategoriji msemmijin fuq u li d-dħul annwali tagħhom mhux aktar minn €1,005 fis-sena jew persuni oħra li għandhom xi forma ta' xogħol (mhux impjieg assigurabbli li fuqu hi dovuta kontribuzzjoni tal-Ewwel Klassi) u li d-dħul annwali minn dan ix-xogħol ma jkunx aktar minn €910 jistgħu japplikaw għal ċertifikat ta' eżenzjoni mill-ħlas tal-kontribuzzjoni.

Hawnhekk hu importanti li jingħad li għalkemm persuna tista' tkun eżentata mill-ħlas tal-kontribuzzjoni skont kif spjegajt aktar qabel, dan ma jfissirx li l-kontribuzzjoni f'dan il-każ tkun akkreditata (qisha mħallsa). L-eżenzjoni tati biss ċertifikat li m'hix dovuta kontribuzzjoni għal perjodu definit.

F'dan il-każ, meta jsir it-test tal-kontribuzzjoni, il-perjodi li fihom persuna kienet eżentata mill-ħlas tal-kontribuzzjoni jingħaddu xorta u jekk fihom ma tħallset l-ebda kontribuzzjoni l-medja ta' kontribuzzjonijiet imħallsa (stabbilita bit-test tal-kontribuzzjonijiet relevanti skont il-benefiċċju jew pensjoni mitlubin) se tkun naturalment aktar baxxa mill-medja ta' xi ħadd li fl-istess perjodi jkun ħallas il-kontribuzzjonijiet jew kellu kontribuzzjonijiet akkreditati.

Dan il-punt importanti qed insemmih għax huma bosta dawk li jħalltu l-eżenzjoni mill-ħlas tal-kontribuzzjoni u l-kontribuzzjonijiet akkreditati. Id-differenza bejn it-tnejn hi netta u kbira.

F'perjodu li fih persuna tkun eżentata mill-ħlas tal-kontribuzzjoni, l-ebda kontribuzzjoni ma titħallas jew tkun akkreditata.

F'perjodu li fih persuna tkun intitolata li tirċievi kontribuzzjonijiet akkreditati, dawn jitqiesu qishom imħallsin għal skop ta' pensjoni.

Ħmistax oħra nkompli nespandi aktar fuq dan is-suġġett fejn nitkellem f'aktar dettall dwar kif u lil min jistgħu jingħataw kontribuzzjonijiet akkreditati u anke nitkellem dwar it-test tal-kontribuzzjonijiet.

● Issa ngħaddi għall-mistoqsijiet li rċevejt mingħandkom il-qarrejja. Mario Coleiro minn Tas-Sliema staqsa: "Jien twelidt f'Awwissu tal-1960. Kemm irid ikolli età bit-tibdil li sar biex nieħu l-pensjoni? Veru li meta jkolli 40 sena kontribuzzjonijiet imħallsin, li fil-każ tiegħi se jkun meta jkolli 59 sena, nista' nirtira mix-xogħol? Jekk iva, il-pensjoni xorta tkun massima jew imnaqqsa?"

Nirringrazzja lis-Sur Coleiro tal-mistoqsijiet tiegħu. L-ittra tiegħu kitibha qabel ippubblikajt il-paġna ta' ħmistax ilu dwar ir-riforma tal-pensjonijiet u allura, jekk qara l-paġna tiegħi ħmisatx ilu, probabbli li diġà jaf x'se jkunu t-tweġibiet. Fil-każ ta' persuna bħalu li twieldet fl-1960, l-età tal-irtirar se titla' għal 64 sena (l-istess se jiġri għal min twieled bejn l-1959 u l-1961). Biex niġi għat-tieni mistqosija tiegħu, bir-riforma hu possibli li persuna li twieldet fl-1952 jew wara tirtira qabel l-età tal-irtirar tagħha. Fil-fatt, fil-każ ta' persuna li twieldet bejn l-1952 u l-1961, din tista' jekk trid titlob il-pensjoni tal-irtirar (taż-żewġ terzi) meta tagħlaq 61 sena (l-istess għall-irġiel u n-nisa) kemm-il darba minn meta tkun għalqet it-18-il sena jkollha total ta' 1,820 kontribuzzjoni mħallsa jew akkreditati (35 sena). Mela fil-każ ta' xi ħadd li twieled fl-1960, dan effettivament jista' jieħu l-pensjoni taż-żewġ terzi meta jagħlaq 61 sena jekk kemm-il darba jkollu 35 sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsin jew akkreditati (il-kundizzjoni tal-40 sena tapplika biss għal min twieled fl-1962 jew wara).

Fl-aħħarnett, biex inwieġeb it-tielet mistoqsija tal-qarrej tagħna, hu importanti li jingħad li fil-każ biss ta' dawk li twieldu bejn l-1952 u l-1961, jekk persuna tagħżel li tirtira qabel iż-żmien kif spjegajt fuq, biex din il-persuna ma titlifx id-dritt li tirċievi l-ogħla pensjoni li tista' tirċievi skont id-dħul pensjonabbli tagħha (inkluż il-pensjoni massima), il-35 sena ta' kontribuzzjonijiet meħtieġa jridu jinkludu kważi l-aħħar 10 snin kollha (l-10 snin sħaħ li jiġu mmedjatament qabel is-sena li fiha l-persuna tagħlaq 61 sena) – biex inkun preċiż, irid ikollu 9 snin u xahrejn mill-aħħar 10 snin imsemmijin. Dan jirriżulta mill-mod kif se jibda jinħadem it-test tal-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni taż-żewġ terzi għal min twieled bejn l-1952 u l-1961.

Mela biex inkun speċifiku, fil-każ tas-Sur Coleiro, la hu jagħlaq 61 sena f'Awwissu, 2021 biex ma jitlifx id-dritt li jirċievi l-ogħla pensjoni li jista' jirċievi skont id-dħul pensjonabbli tiegħu (inkluż jekk inhu l-każ il-pensjoni massima) huwa jrid ikollu kontribuzzjonijiet imħallsin jew akkreditati b'mod regolari kull ġimgħa, sa mill-inqas l-aħħar ta' Frar, 2020. Madankollu xorta ma jistax jirċievi l-pensjoni qabel jagħlaq il-61 sena. Infakkar ukoll li jekk persuna tagħżel li tirtira qabel iż-żmien kif spjegajt, hi ma tkunx tista' taħdem waqt li tkun qed tieħu l-pensjoni sakemm tilħaq l-età tagħha tal-irtirar.

*Staqsi lis-Sur Mark Musù billi tikteb lil:*

***Paġna Sigurtà Soċjali, l-orizzont,***
***A41 Qasam Industrijali, Marsa, MRS3000***

*inkella b'imejl bis-suġġett "Paġna Sigurtà Soċjali" fl-indirizz* ***ittri@unionprint.com.mt****. Il-mistoqsijiet iridu jkunu ta' interess ġenerali, mhux każi privati jew personali.*